**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Novembru 2021**

**<u>Rikors nru: 488/2021 AGV:</u>**

AB u CD

Vs

X

**IL-QORTI RAT IR-**Rikors konġunt ta` **AB** u **CD DATAT 18 TA' OTTUBRU 2021, FEJN** *esponew bir-rispett u bil-ġurament tagħhom ikkonfermaw:*

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju, tas-sena elfejn u disa' (2009) fil-Knisja Parrokjali Marija Bambina Naxxar, liema żwieġ ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru progressiv tmienja, disgħa, tmienja żbarra tnejn, zero, zero, disgħa (898/2009) kif jirriżulta mill-Att taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala '**Dok A**';

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Illi l-ħajja konjugali tal-partijiet ma baqgħetx iktar possibbli għal raġunijiet validi li skont il-liġi Ċivili taw lok għal separazzjoni personali, u l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Rueben Debono fl-għoxrin (20) ta' Awissu, tas-sena elfejn u tlettax (2013) vera kopja hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok B**'. Għalhekk ilhom separati għal iktar mill-erba' snin rikjesti skont il-liġi, senjament **Artiklu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** għall-ottjeniment tad-divorzju;

4. Illi ma hemm ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin ma jgħixu flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi skont il-kuntratt hawn fuq ċitat il-partijiet ma għandhom ebda obbligu ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin *stante* rinunzja reċiproka, u ma hemm ebda kawżi pendenti bejniethom;

6. Illi inoltre' ma hemm lanqas manteniment dovut lill-ulied *stante* li minn dan iż-żwieġ ma kien hemm l-ebda ulied;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għal-ksib tad-divorzju skont l-**Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta` Malta**;

**Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlobu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:**

**1.** Tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet, *stante* li ma għandhomx aktar dokumenti u provi x'jippreżentaw u lanqas għandhom trattazzjoni ulterjuri x'jagħmlu;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bill-ħall taż-żwieg tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**